**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 499/2019 AGV**

**AB (ID nru: 427888 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 174666M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 5 ta' Novembru, 2019 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-Knisja San Guzepp Haddiem, San Pawl il-Bahar Malta, nhar l-4 ta' April 2013 u z-zwieg taghom gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta bin-numru 496/2013, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg tal-koppja huma ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet isseparaw b’ kuntratt datata 3 ta’ Frar 2016 redatt min-Nutar Dr Anne Marie Tonna, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. L-attrici u l-konvenut qed jghixu hajja totalment separata minn xulxin u l-partijiet ilhom minn Lulju tas-sena 2015, ma jghixux flimken u cjoe aktar minn 4 snin kif tistipula l-Ligi;
5. Ill fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, senjatament fl-artikolu tal-istess kuntratt, ir-ragel irrinunzja mid-dritt illi jirceivi manteniment minghand il-mara, fil-waqt li l-mara iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand ir-ragel, liema rinzunja u dekadenza huma rrevokabbli;
6. Illi l-attrici jidhirlha li dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogbgobha;

a. tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti.
b. Tordna lir-regustratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-diretur tar-registru pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku ta’ Malta.

Rat li l-intimat deher ghas-seduta tat- 8 ta’ Jannar 2020, fejn mhux qed joggezzjona ghad-divozju, salv illi ma jehilx l-ispejjez.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**